# *Għeluq*
# 81. Lill-Muża Ta' Żgħożiti

Lejla ta' seħer ta' Settembru mwaħħar;
bi frak irqiq tad-deh'b l-arja mimlija;
sema tal-madriprela; l-ħolqien kollu
mgħarrar ġod-dija.

Ħelwa bħall-għasel tfewweġ żiffa ċkejkna;
minn ġewwa l-ġonna ġejja sinfonija
minsuġa minn subgħajn u minn vjolini
t'anġli moħbija.

Oh! l-pika bejn il-mewġ u bejn il-weraq:
min minnhom l-aktar jaf jinseġ il-ħlewwa;
ta' liema minnhom hija l-isbaħ għanja
min jaqta' sewwa?!

Fis-skiet u d-dawl tas-sema u l-art jingħaqdu
f'damma ta' ferħ in-nifs, il-qalb, il-ħajja;
fuq il-ġwienaħ tal-ħsieb fil-għoli safi
ir-ruħ titlajja.

Ma kienx jaf jogħla 'l fuq bil-ħsieb imdawwal
Tfajjel imqareb, imma ħass il-benna
tal-ferħ imsawwab fil-ħolqien, li jgħaqqad
dil-art mal-ġenna;

U tela' 'l fuq bit-Tajra, tajra mżewqa,
– il-ġirien stagħġbu kemm għamilha sewwa, –
il fuq minn fejn is-seqer moħbi fl-ikħal
jgħasses l-għedewwa.

Tfajjel u Tajra saru ħaġa waħda;
b'wiċċu daħqan il fuq, issa jtellagħha,
issa jniżżilha ftit, ittri jtellagħla,
jitfissed magħha,

U hi titbahrad ġewwa s-sema dehbi,
titbandal 'l hawn u 'l hemm, u tieqaf f'sabta,
daqqa titgerbeb, daqqa 'l fuq trid taħrab
u taqta' r-rabta.

*  *  *

Ix-xemx bdiet nieżla, u lewn il-madriperla
beda jikħal, imbagħad infexx fil-ħmura,
f'dawl abjad u xehbieni, u d-dell madwarha
tilfet kull sura.

Il-qniepen tħassru l-mewt tal-jum tad-dija;
u l-ilħna jidwu fuq għoljiet w għelieqi
ħabbru li ntemm ta' bejn ix-xemx u l-art
iż-żwieġ għaxxieqi.

Iż-żiffa saret riħ, bdiet tonfoħ qawwi,
tperper u ttajjar kull ma ssib quddiemha;
tat-Tajra l-ħajt irqiq żarret u qatgħet
bla gost, bla ndiema.

It-Tajra mielet ftit, bdiet nieżla, nieżla,
nieżla u titbiegħed bla ma terġa' lura;
il-għaqda ta' dat-tnejn temmet għal dejjem
żiffa għajjura.

U waqa' skiet u dlam, u waqgħet diqa;
u l-baħħ li ħalla d-dawl ma' kullimkien
intela' bit-tnehid tar-riħ li jonfoħ
waħdu... għajjien.

* * *

Muża ħelwa ta' Żgħożiti,
x'ħajja għaddejna t-tnejn flimkien!
tar u għab il-hena kollu:
it-Tajra Int u t-Tfajjel Jien!